**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Giambra Angelo, detentur ta' Karta tal-Identita` Maltija numru 17400A.**

*Kumpilazzjoni Nru. 721/2014*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Angelo Giambra u ċioè talli:

F'dawn il-Gżejjer, bejn ix-xahar ta' Gunju, 2011, u Lulju, 2012, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu

(€2,329.37), għad-dannu tal-**Kumpanija Kratos Ltd. u/jew Domenico Ursida**;

2. bi ħsara ta' ħaddiehor u ċioe` tal-**Kumpanija Kratos Ltd. u/jew Domenico Ursida,** għamel qliegħ ieħor b`qerq, mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

3. Approprija ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna/i oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-dannu tal-**Kumpanija Kratos Ltd. u/jew Domenico Ursida,** liema delitt msemmi ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju;

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-28 ta' April, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(iv) Fl-artikolu 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi nhar it-2 ta' Lulju, 2015, il-partijiet lezi Kratos Ltd. u Domenico Ursida rrinunzjaw ghal kwerela minnhom maghmula fil-konfront tal-imputat wara li ntlahaq ftehim bejn l-imputat u l-kwerelanti.[2]

---
[1] Fol.205
[2] Fol.110

Madanakollu r-reati addebitati lill-imputat huma kollha prosegwibbli *ex officio*[3] u ghalhekk tali rinunzja ma twassalx sabiex il-procediment jigi ezawrit.

Illi l-**Ispettur Anne Marie Xuereb** sjegat x'wassal ghall-investigazzjoni dwar l-imputat. Il-parte leza, Domenico Ursida, spjegalha kif sar jaf lill-imputat li kien offra l-ufficju tieghu b'kera ta' €800 fis-sena. *"Wara li settjaw il-kumpannija Ursida kien mar ma' Giambra l-Bank sabiex jiddepozitaw il-capital necessarju fl-account tal-kumpannija,..... Ursida f'dan is-sens kien fdah lil Giambra biex jamminstralu dawn l-accounts li kellhom x'jaqsmu ma' din il-kumpannija in kwistjoni u cioe' l-Kratos. Hu qalilna li kien hemm diversi drabi fejn Ursida kien awtorizza lil Giambra biex jigbor u jigbed flus minn din il-kumpannija sabiex ihallas specifikament ordnijiet moghtija minghand Ursida stess. Kien qalilna li din il-kwistjoni nqalghet rigward kont pendenti li kellu ma' tat-taxxa fejn Ursida kien qalilna li Giambra kien qallu, dan kien hemm xi kont gholi, .... kien qallu li setgha jhallas l-ammont li qeghdin jitolbuh tat-taxxa mbaghad jiehu 90% refund lura, jew inkella jistennew u jhallas l-ammont specifiku ezatt li kellu jithallas. Ursida raha li ma kien hemm xejn illegali fiha, kien jafda lil Giambra u allura qghad fuq dak kollu li kien qallu Giambra u allura kien awtorizzah li jhallas it-taxxi pendenti."* Sussegwentement meta fl-2012 Ursida ltaqa' mal-accountants tieghu, kien infurmat li kien hemm ammont sostanzjevoli ta' arrettrati ta' taxxi ghas-sena 2010-2011 li skond hu kien diga' awtorizza lill-imputat ihallashom. Minn investigazzjonijiet mal-bank lil Pulizija rrizultalha li t-tliet transazzjonijiet kienu saru minn Angelo Giambra nnifsu. Filwaqt li €5,000 ngibdu minn Giambra fuq struzzjonijiet ta' Ursida sabiex ittellaghhom l-Italja qabel ma baqaw sejrin ic-Cina, Ursida kien informa lill-pulizija li *"L-ghoxrin elf Euro Ursida qed jghid li dawk zgur mija fil-mija kellhom imorru biex jithallsu t-taxxa pendenti mentri Giambra qed jghid li dawk ingibdu biex jithallas hu bhala x-xoghol li kien qed jaghmel ghall-kumpannija. ... Ursida kien qalilna li Giambra ma kienx jaghmel xoghol amministrattiv tal-kumpannija imma kien persuna li kien imur ghalih u jippikkjah mill-Airport fis-sens illi driver mieghu meta jkun hawn Malta.*[4]

L-ispettur spjegat li Giambra kien ta verzjoni differenti ta' dak li sehh. *"Hu kien qalilna li hu huwa l-middleman bejn Ursida u l-accountants u l-*

[3] Artikoli 308, 309 u 294 tal-Kodici Kriminali
[4] Fol.29-30

*avukati tieghu hawn Malta. Qalilna li kien jiehu hsieb l-accounts kollha li jappartjenu l-kumpannija Kratos u dak kollu li kien ikollha bzonn day to day il-kumpannija Kratos innifisha. Meta nfurmajnieh fuq l-allegazzjonijiet li kien qed jaghmel Domenico Ursida ghar-rigward l-ghoxrin elf Euro li ngibdu mill-account tal-kumpannija minghajr l-awtorizazzjoni tieghu, hu qalilna li dan kien awtorizzat minn Ursida wara li tkellem mieghu, u hu dawn kienu flus li kellu jithallas ghax-xoghol li kien ilu jaghmel ghall-kumpannija, ghal fatt illi kemm kien ilu jahdem ghall-kumpannija qatt ma thallas l'ebda tip ta' salarju. Ghar-rigward tal-hamest elef Euro qalilna wkoll kif diga' spjegajt li dawk il-hamest elef Euro kellhom jingibdu cash ghax Ursida riedhom meta kien tiela' jintaqa' mieghu l-Italja qabel ma kienu sejrin xi vjagg fic-Cina, u filfatt fuq il-voucher tal-Bank hemm miktub li dawn ingibdu on Ursida's instruction. Kien qalilna li mhux veru li hu kien sempliciment driver mieghu u filfatt kien ipprezentali CD u diversi dokumenti fejn juru x'kien jaghmel ghall-kumpannija, e-mail u komunikazzjoni bejn l-avukati u accountants u kollox rrilaxxa stqarrija fejn dan stqarr li hu kien il-middleman".*[5]

Il-pulizija rceviet konferma mill-kumpanija *Busuttil and Micallef* li Giambra kien il-*contact person* ta' Ursida f'Malta u kien hu li kien jiffirma l-*annual returns* tal-VAT u jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija.[6] Meta saru investigazzjonijiet mal-bank irrizulta li Giambra kien jikkomunika ma Ursida meta kien hemm talbiet ghall-*withdrawals* - dwar il-€5,000 il-manager tal-bank infurmat biha lil Ursida, filwaqt li dwar l-ewwel €10,000 Ursida kkonferma maghha li dawn kellhom jingibdu minn Ursida sabiex jithallas il-VAT. Izda dwar it-tieni €10,000 la Ursida u lanqas Giambra ma kienu f'posizzjoni jikkonfermaw ir-raguni ghal tali *withdrawal*.[7] Spjegat li wara li Ursida gie mgharraf mill-accountants li kienu ngibdu €20,000 dan kien ta struzzjonijiet sabiex ma jibqawx jikkomunikaw ma' Giambra.[8]

Dokumentazzjoni esebita mill-ispettur Xuereb turi li nhar is-17 ta' Settembru 2012 b'*email*, l-imputat gie nfurmat mil-parte leza li kien qed jigi sostitwit ir-*registered address* tal-kumpaniji ta' Ursida kif ukoll li lil Giambra tnehhietlu d-delega bankarja. *Email* ohra indikattiva hi dik tat-8 t'Ottubru, 2012, fejn Giambra jghid lil Ursida li kien qed jipprepara l-

---

[5] Fol.31
[6] Fol.32
[7] Fol.33
[8] Fol.34

kontijiet u li kien ser jinfurmah dwarhom; dan wara li Ursida kien fakkru li kien kreditur tieghu fir-rigward ta *"un prestito d'onore che le ho concesso in un momento di bisogno!".* [9]

Illi **Renald Micallef** partner f'*Busuttil and Micallef* li kienet taghmel l-*audit* tal-kumpanija tal-parte leza, Kratos Ltd., xehed kif *"Mr Angelo Giambra kien gie darba jkellimni l-ufficcju u kien talabni biex niccertifikalu li kien ha xi ghaxart elef Euro mill-kont tas-socjeta' u kien talabni biex niccertifikalu, u jiena kont ghidtlu li minhabba li ma kontx a korrenti ta' l-arrangamenti li kien hemm bejnu u bejn il-kumpannija jew bejnu u bejn id-direttur Domenico Ursida ghidtlu ma kontx f'posizzjoni li niccertifikalu li hu kellu johodhom....[Giambra] qalli li kellu johodhom bhala arrangament bhala fees".*[10] Dwar l-irwol ta' Giambra fil-kumpanija jghid li kien Giambra li ntroduca lil Ursida maghhom, kien jassisti lil Ursida fin-negozju u li l-kumpanija kienet registrata fuq l-indirizz residenzjali ta' Giambra fejn anke kien hemm linja tat-telefon apposta ghall-kumpanija.[11] Dwar Giambra jiddeskrivieh bhala *"confidant tieghu jigifieri, qisu Malta kien il-factotum ta' Ursida jigifieri kellhom rapport ta' qisu employer/employee imma izjed nahseb fuq bazi friendly milli ufficjali...ufficjalment ma kienx impjegat mall-kumpannija ma' Kratos, il-mara t'Angelo kienet impjegata mall-kumpannija imma sincerament izjed kien kuntratt ta' konvenjenza ghaliex Angelo darba kellimni, l-mara ta' Angelo Giambra kienet waslet kwazi fl-eta' tal-pensjoni u minhabba li telqet jew spiccat mix-xoghol xtaq li tkompli, li jkollha salarju ghallinqas b'mod ufficjali minhabba kwistjonijiet ta' pensjoni...ix-xoghol Angelo kien jaghmlu izjed milli kienet taghmel xi xoghol hi.".*[12] ikkonferma li Giambra kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija u ma kienx semplici driver ta' Ursida, kif allega l-parte leza.[13]

Illi **Hector Spiteri**, partner f'*Busuttil and Micallef,* mistqosi jispjega dwar it-tlett transazzjonijiet ta' withdrawals li dehru fuq bank statements ta' Kratos Ltd., spjega li *"Giambra, kien hu stess awtorizzat biex jista' jaghmel it-trasferimenti .... Fuq dawk it-tliet transazzjonijiet nirrepeti ahna saqsejna ezattament lil Dr Domenico Ursida x'kienu u ma kellniex risposta, u ftit wara sirna nafu b'dak li sehh u cioe' li qal li dawn hargu mhux awtorizzati minnu*

[9] Dok.AX4 fol.101
[10] Fol.41
[11] Fol.42
[12] Fol.43
[13] Fol.44

*etc.... r-raguni li nghatat kienet biex issir pagament ta' tassazzjoni, u minn hemmhekk ahna gejna suspettuzi, ghax pagament ta' tassazzjoni jkun supported b'ircevuta rilevanti."*[14] Spiteri ghadda biex semma okkazzjoni li kawza taghha kien kiteb lil Ursida biex ma jibqax jahdem ma Giambra *"xi denunzji tal-VAT ma kinux gew sottomessi, u d-Dipartiment kien hareg diversi multi, quite hefty fines, lill-kumpannija. Domenico Ursida kien qalli pprova rrangali, gibli kollox up to date, etc. ... Jiena ppreparajt kollox innegozjajt mal-VAT Department u l-multi nizlu ghal ammont baxx hafna, ...kont sejjaht lis-Sur Giambra jigi fl-ufficcju, peress li hu kien firmatarju tal-kumpannija kien jiffirma hu bl-awtorizazzjoni ta' Domenico Ursida, tlabtu jiffirma d-dokumentazzjoni biex jiena nkun nista' niffalja l-VAT Department ghax id-dokumentazzjoni ma stajtx niffirma jiena, u hrigt il-kont tieghi. Meta jiena hrigt il-kont tieghi li huwa kont ibbazat skond il-prassi, skond il-hin li jiena kont ghamilt fuq dak il-kaz,* ***tpoggietli d-domanda minghand is-Sur Giambra fejn dan qalli, dan il-kont iffrankajt dawk l-eluf kollha, dan il-kont baxx hafna. Qalli ghalfejn ma tohrogx kont izjed gholi u naqsmu d-differenza bejnietna? Jiena dak il-hin ghidtlu igbor il-karti jekk jogbok u itlaq l'barra mill-ufficcju tieghi.*** *Awtomatikament ktibt e-mail lil Domenico Ursida l-Italja fejn jiena ghidtlu li ghandi pjacir nibqa' nahdem lilu u lis-socjeta' pero` mhux tramite Angelo Giambra.".*[15] Ix-xhud qal li qabel ma *Busuttil and Micallef* bdiet tiehu hsieb il-VAT returns hi, kien Giambra li kien jiehdu hsieb dan *"meta kellna dan il-kaz the estimated tax VAT kien f'dan il-kaz 152,000 u interessi ta' 9,230 fuqhom. ... U jiena meta kont innegozjajt maghhom u ssottomettejt id-dokumentazzjoni kollha nieqsa l-penali skond l-istima li kont ghamilt dakinhar kienet nizlet ghal madwar 700 Euro."*[16]

Illi **Frederick Eric Debattista,** li bejn Jannar, 2009 u Novembru, 2011[17] kien accountant ma *Busuttil and Micallef,* spjega kif Ursida kien qalilhom li kellhom ikellmu lill-imputat dwar *queries* fuq *accounting* u *auditing.*[18] Jiddeskrivi lill-imputat bhala l-*middleman* bejn Kratos u Busuttil and Micallef[19] fejn il-kommunikazzjoni rigward il-kumpanija kienet issir tramite l-imputat.[20] Minn naha tieghu **Kurt Said** awditur ma *Busuttil and*

---

[14] Fol.50-51
[15] Fol.51-52
[16] Fol.53
[17] Fol.137
[18] Fol.135
[19] Fol.136
[20] Fol.138

*Micallef* spjega kif meta kien ikollu bzonn xi dokumentazzjoni rigward il-kumpanija Kratos kien dejjem jikkomunika ma Giambra.[21] Dan sa 2012 meta sussegwentement kien inqala' xi dizgwid bejn Ursida u Giambra.[22] Jikkonferma dak li xehed Debattista qablu li Giambra ma kienx jidher li rcieva hlasijiet minghand il-kumpanija.[23]

**Illi gew esebiti withdrawal slips ghal €5,000 data 5.07.2012;[24] wahda ghal €10,000 datata 01.07.11 u ohra ghal €10,000 datata 02.11.11.[25]**

Illi **Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, xehdet kif it-tlett *withdrawals* (tnejn ta' €10,000 maghmulin fl-1.07.2011 u 02.11.2011 u iehor ta' €5,000 maghmul fil-5.07.2011) saru mill-imputat.[26] Xehdet li l-imputat **ma kellu l-ebda prokura fuq il-kont izda kien firmatarju** fuq il-kont mis-27 ta' Mejju, 2011 sas-17 ta' Settembru, 2012.[27]

Illi l-parte leza, **Domenico Ursida** xehed kif l-ammont ta' €25,000 li kien awtorizza sabiex jigu zbankati mill-imputat biex jithallsu taxxi minnhom, kienu ttiehdu mill-istess imputat ghall-hlasijiet li dan tal-ahhar ikkunsidra li kienu dovuti lilu. Ursida qal li l-imputat kien ragel onest u qatt ma kellu problemi qabel mieghu, kien ghenu jikri ufficju biex jintuza mill-kumpanija tieghu kif ukoll akkumpanjah meta mar ic-Cina fuq xoghol. Mart l-imputat ukoll giet impjegata mal-kumpanija. Insista li ma kienx jaf ghaliex l-imputat ha dawn il-flejjes u li dawk l-istess flejjes kienu dovuti ghall-skop iehor.[28] Gie prezentat il-*Memorandum and Articles of Association* ta' Kratos Ltd. minn fejn jirrizulta li Domenico Ursida kien direttur taghha u kellu l-*legal and judicial representation* tal-kumpanija.[29]

In kontro-ezami l-parte leza ddikjara li kien ntalahq ftehim ma' Giambra wara li dan hallsu lura €5,000 u dan meta originarjament is-somma pretiza minnu kienet ta' €25,000.[30] Dawn kienu thallsu lil Giambra minn

---

[21] Fol.141
[22] Fol.143
[23] Fol.145. Ara ukoll xhieda Debattista a fol.139
[24] Fol.56
[25] Fol.57
[26] Dok. JB1-4 a fol.147-190
[27] Fol.132: *"dawn huma formoli tal-bank mhux prokura"*
[28] Fol.21-24
[29] Fol.73 et seq.
[30] Fol.212-213

flejjes li l-istess imptat kien iddepozita wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tigehu.[31]Ir-raguni li fthiem fuq somma ta' €20,000 inqas minn dik dovuta kienet ghaliex hafer lill-imputat u ried jaghlaq l-istorja[32] *"jien ridt naghlaq il-kawza filfatt l-indikazzjoni lil avukat kienet din, li jhallas dak li setgha u jacetta dak li ghamel..... Dak il-flus li hu kellu jiehu dejjem hadhom. Ma ridt intih xejn lil Mr Giambra, bil-kontra anzi..... . Dak kollu li hu kellu jaghmel lili kien dejjem imhallas.... Bic-cekkijiet.".*[33] Ikompli li ma kien hemm ebda ftehim mal-imputat u meta kien imissu jithallas dan thallas, inkluz ta' meta siefer mieghu c-Cina. Mistoqsi jekk l-imputat kellux prokura fuq il-kumpanija jghid: *"Assolutament le s-Sur Giambra kellu biss il-<u>poter li jiffirma ghal finijiet fuq il-kont partikolari imma dan biss bl-istruzzjonijiet tieghi</u>."*[34]

Il-Qorti ghaddiet biex tistaqsi lil Ursida jekk l-€20,000 li nhaffru mis-somma pretiza minnu kienux ghaliex effettivament kienu flejjes dovuti lil Giambra, ix-xhud hu skjett *<u>"Le. Assolutament le</u>. Mr Giambra qatt ma wera dan fil-kawza Civili."*. Dwar il-fatt li Giambra kien firmatarju fuq il-kont tal-kumpanija Ursida jispjega *"Giambra setgha jmur jigbed fuq il-current account, il-Bank kien javzani dejjem. Kif hadhom dawn il-flus? Billi nforma lili li dawn il-flus kienu ha jservu biex jithallsu taxxi f'Malta, diga' spjegajt fil-kawza Civili. ....ghamilt dan l-ezempju, mhux ghax Giambra kellu l-firma fuq il-kont u setgha jigbed il-flus minghajr raguni. Jekk jien ghandi c-cwievet ta' appartament mhux awtorizzat nidhol fl-appartament u niehu l-affarijiet li hemm gewwa fl-appartament."*[35]

**Illi Ursida jinsisti li hu kien gie mgharraf li l-flus li kienu qed jingibdu minn Giambra kienu ghall-hlas ta' taxxi** *"Kif appena ndunajt li ma kinux thallsu t-taxxi saqsejt lil Mr Giambra biex jerga jhallasni l-flus lura. Imbaghad meta jien ghidtlu biex jaghtihomli lura qalli dawk kont inti tafhom lili*[36]*.... Emmintu. Jien ma kellix ghalfejn niddubitah lil Giambra la qalli li kienu ghat-taxxi hadthom li kienu ghat-taxxi.".*[37] Jinsisti li Giambra kien jigi

[31] Fol.11 et seq. Vide xhieda Giambra a fol.271 *"the court had…24,000 of my money…I had to sell part of my house".*
[32] Fol.213
[33] Fol.214
[34] Fol.216
[35] Fol.218
[36] Fol.219
[37] Fol.220

mhallas fi flus kontanti[38] u li €20,000 ma kienux dovuti ghas-servizzi u xoghol li ghamel ghall-kumpanija imma tahomlu b'rigal ghaliex ried jaghlaq l-istorja. Jghid li dawn il-flejjes gew senjalati bhala telf subit minn Kratos *"gli ho dato in beneficenza i soldi perche non gli voglio, ma non perche io dovevo a Mr Giambra in qualche modo, perche ripeto nulla e' dovuto a Mr Giambra, e se ha fatto un ora di lavoro a Mr Giambra e' stata pagata un ora di lavoro da me, perche* ***l'accordo era tra Domenico Ursida e Mr Giambra non tra Kratos e Mr Giambra****. Un accordo non scritto ma un accordo tra persone."*[39] Itemm ix-xhieda tieghu billi jtenni li hu kien awtorizza lil Giambra jaghmel il-*withdrawals* unikament sabiex jithallsu t-taxxi.[40]

Illi **Josephine Scerri**, *branch manager* fi hdan il-Bank of Valletta, kkonfermat li kellha konoxxenza tat-tlett transazzjonijiet oggett ta' dawn il-proceduri. Bdiet tispjega kif kienet giet infurmata dwar il-*withdrawal* ta' €5,000 mill-imputat u peress li kien firmatarju dan seta jaghmlu. Pero` dwar il-*withdrawals* ta' €10,000 tibda tispjega hekk fuq l-ewwel transazzjoni *"Mela s-Sur Angelo Giambra kien qalli li* ***Dr Ursida kien jaf bit-transazzjoni u kellha x'taqsam biex tithallas jew VAT jew taxxa****. Ezatt ma niftakarx ghax iz-zmien ghadda pero* ***zgur zgur kien jew VAT jew taxxa.*** *Kien qalli li jekk jithallas tant ammont cash minn qabel allura mbaghad tinhadem il-VAT jew taxxa u jithallas tant percentagg meta filfatt jekk ma jithallasx tant ammont qabel il-klijent ikollu jhallas naghtu mod hamsa u tletin fil-mija mbaghad jigi rimbursat b'tant ammont...... Qaluli Mr Angelo Giambra pero qalli biex nikkonferma ma' Dr Ursida, jien cempilt lil Dr Ursida minn quddiem Angelo Giambra u Dr Ursida kkonferma dan kollu li kienu ha jithallsu jew VAT jew taxxa.... It-tieni transazzjoni l-istess haga Mr Angelo Giambra gie quddiemi, ried jigbed dak l-ammont pero ma niftakarx jekk intqalx ghalxiex kien l-ammont. Pero jien dejjem cempilt lil Dr Ursida kif qalli Mr Angelo Giambra u Dr Ursida qalli naf li ha jigbed il-flus, ir-raguni biss ma nafx x'kienet..... ma kienx normali li sa fejn naf jiena ma kienx normali li jingibdu xi ammonti kbar ta' cash mill-kontijiet taghhom."*.[41] Tikkjarifika li galadarba Giambra kien firmatarju fuq il-kont ma kien hemm lok li tircievi xi awtorizzazzjoni

[38] Fol.222
[39] Fol.223
[40] Fol.224
[41] Fol.92-93

minghand Ursida *"ma kienx hemm ghalfejn ghax Mr Angelo Giambra kien firmatarju wkoll fuq il-kont"*.[42]

Fil-fatt mid-dokumentazzjoni esebita minn Joanne Bartolo jirrizulta li transazzjonijiet fuq il-kont setghu isiru minn *"any one of the undermentioed persons, namely Dr. Domenico Ursida, Mr. Angelo Giambra"*.[43]

Illi **Angelo Giambra** ghazel li jixhed u beda biex jispjega li qabel ma bdiet topera l-kumpanija hu kien gja ghamel sentejn xoghol jirricerka il-vantaggi finanzjarji ta' diversi setturi li setghu joperaw fihom. Jametti li ghal bidu Ursida kien ihallsu €10,000 is-siegha u li *"for that couple of years he did pay me the amount that I was invoicing him"*.[44] Kien intlahhaq arrangament li hu jiehu €50 ghal kull tunnellata alluminium li tigi shipped izda l-ispejjez tieghu baqaw jizdiedu u kien ghalhekk li Ursida awtorizzah jiehu €10,000;[45] l-awtorizzazzjoni kienet tkun bit-telephone.[46] Jispjega kif kien isir ix-xoghol ghal Ursida *"Mr Ursida used to call me I get the quotation we agree, I draft the contract, we say okay we buy this, I go to the bank, effect the payment, and that's it and then they ship the goods.... The documents were coming to me. I go to the bank, I sign for recieving the documents, ofcourse I pay the bank for the ammount was due and I take the documents and I ship them according to it. ... That he pay me 50 Euro for every ton shipped, now the tons shipped were ammounting to seventeen thousand and something... Because of all the work I did, I find the goods, ensure that everything was according to specifications, ensure that my counterpart was inspecting the goods, ensure that the documentation was okay, in fact there is in this document one other shipment that he recieved from India which I did not work for, but he was in such a mess that he risked the goods would be inbounded by Italian Customs. I did alot of work and I saved that shipment and he got the goods and he made the payment."*. [47]

Dwar il-*withdrawals* effetwati minnu Giambra jghid li dan sar ghaliex kienu dovuti lilu bhala *"My compensation yes*[48]*.... We had shipped 45 tons that is about 17,000. Plus of the expenses I had rental expenses, parking*

[42] Fol.93
[43] Dok. JB3 a fol.151
[44] Fol.256
[45] Fol.257
[46] Fol.258
[47] Fol.259-262
[48] Fol.264

*expenses, .... To pay me for what he owed me."* Jammetti li qatt ma pprezenta invoice ghal dak lilu dovut *"We never got that far.Because he was always when I come down we fix it all up, exactly the same thing with the accountant. When I come down we fix it."* minkejja fl-ewwel sentejn kien jaghmel invoices u jithallas f'cash.[49] Isostni li kien Ursida li awtorizzah jiehu il-flus bil-quddiem u jichad li qatt qal lil Bank li dawn kienu biex jithallsu taxxi.[50]

Giambra jkompli li hu kien dovut €29,000[51] u li thallas mill-ammonti li gew migbuda minnu.[52] Issemmi kif fi Frar, 2013, hu u Ursida ltaqaw l-Ajruport biex jirrikonciljaw il-kontijiet, u li ha d-dokumenti mieghu biex jurihom lil Ursida li beda jsostni li Giambra ma kien intitolat ghal xejn ghaliex kien thallas il-*commission* dovuta mill-flejjes mizmuma fil-kont, xi haga li l-imputat jinnega.[53] Sussegwentement kien intlahhaq ftehim bejniethom. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex ma kkontestax id-dikjarazzjoni ta' Ursida maghmula f'*email* li hu kien inghata *"prestito d'onore"*[54] meta skond hu ma kienx il-kaz anzi li minflok rrispondieh billi tah raguni li qed jipprepara *"tutti i conti"*, Giambra jonqos milli jaghti twegiba soddisfacenti u kredibbli *"Because that is what he asked me"*.[55] Mitlub juri id-dokumentazzjoni li tissostanzja l-kreditu pretiz minghand Ursida, jghid *" I got them at home."* [56] u jipprezenta biss invoice li tmur lura ghas-26/3/2010 – zmien li fi kliem l-imputat kien qed jithallas minghajr problemi - ghal €1,350.[57]

Ma jridx jintnesa li din l-*email* li titkellem fuq *"prestito d'onore"* intbghatet fit-8 t'Ottubru 2012, wara li fis-17 ta' Settembru, 2012, Ursida permezz ta' email kien nehha d-delega bankarja ta' Giambra u ried inehhi l-indirizz tal-kumpanija minn fuq id-dar ta' Giambra.[58] Ghalhekk kien jispetta lil Giambra li mill-ewwel jirrespingi tali pretensjoni kemm il-darba ma kienitx minnha! Possibli li persuna li tigi rinfaccjata b'allegazzjoni nfondata, kif isostni li hekk hu l-imputat, li hi debitrici

[49] Fol.265
[50] Fol.267
[51] Fol.263
[52] Fol.269
[53] Fol.268-270
[54] Dok. AG1 a fol.288
[55] Fol.272
[56] Fol.273
[57] Dok.AG2 a fol.289
[58] Dok. AX4 a fol.101

f'ammont konsiderevoli mhux talli ma tirrespingix minnufih tali allegazzjoni izda tissokta taghti kredibilita lil dik l-allegazzjoni billi titlob zmien sabiex tipprepara il-kontijiet? Tali twegiba u spjegazzjoni da parti tal-imputat hi nieqsa minn kwalunkwe sens u m'ghandhiex mis-sewwa.

In kontro-ezami l-ispjegazzjoni li jaghti dwar il-fatt li l-bank manager kienet qalet li Giambra qalilha li l-flus kienu biex jithallsu taxxi hi li *"Mrs Scerri was in good faith confused"*[59] u li hu kien infurmaha li l-flus kienu *"to pay for my commissions...and she knew it"*. Sahansitra ghalkemm ftit qabel jghid li Scerri kienet in bona fede meta pressat mill-abbli prosekutur jasal biex jghid li din qalet dak li qalet ghax giet influwenzata minn Ursida![60] Ma jridx jintnesa li Scerri tant ftakkret bl-ezatt l-iskop ghal liema sar il-withdrawal li sahansitra ftakkret il-konversazzjoni li kellha ma Giambra. Ghalhekk altru` milli kienet konfuza ix-xhud Josephine Scerri!![61]

Illi mill-istqarrija esebita in atti jirrizulta li Giambra spjega ix-xoghol li kien jaghmel ghal kumpanija tal-parte leza u li €20,000 kienu dovuti ghal xoghol tieghu u spejjez inkorsi tul is-sentejn ta' qabel. Il-Qorti tistqasi: jekk dan hu minnu **kif jista' jkun li bejn Lulju u Novembru 2011 (meta kienu diga` ngibdu zewg pagamenti ghal €10,000 kull wiehed) rega' saru dovuti €10,000**? Giambra jghid li Ursida kien jaf dwar dawn €20,000 imma l-awtorizazzjoni kienet verbali. Ikkonferma li ghal-vjagg fic-Cina kien thallas €2,000 u li *"€20,000 i took them for myself"*[62] u li t-tlett *withdrawals* saru bil-firma li gharraf bhala tieghu.[63]

Fi skrittura privata milhuqa bejn Giambra u Kratos hemm dikjarat li filwaqt li Kratos baqghet tinsisti li l-flus ittiehdu b'mod illegali l-imputat jikkontendi li dawn kienu dovuti lilu ghas-servizz tieghu lil Kratos *"and that he was duly authorised to withdraw the said Funds, however, AG* – Angelo Gaimbra, l-imputat - *acknowledges that such amount has been*

[59] Fol.274-275
[60] Fol.275
[61] Fol.92-93: *"Kien qalli li jekk jithallas tant ammont cash minn qabel allura mbaghad tinhadem il-VAT jew taxxa u jithallas tant percentagg meta filfatt jekk ma jithallasx tant ammont qabel il-klijent ikollu jhallas naghtu mod hamsa u tletin fil-mija mbaghad jigi rimbursat b'tant ammont...... Qaluli Mr Angelo Giambra pero qalli biex nikkonferma ma' Dr Ursida,..."*
[62] Fol.61
[63] Fol.61 tergo

*withdrawn from Kratos's bank account without a formal written approval from Kratos."* [64]

L-agir xejn dekoruz ta' Giambra jirrizulta f'dak li qal Renald Micallef meta spjega kif l-imputat mar ghandu biex jiccertifikalu *li kien ha xi ghaxart elef Euro mill-kont tas-socjeta' u kien talabni biex niccertifikalu....qalli li kellu johodhom bhala arrangament bhala fees"*.[65] Dan minghajr ma wera xi prova li hekk kienu dovuti. U kif seta jaghmel dan meta fi kliem l-istess Micallef *"kellhom rapport ta' qisu employer/employee imma izjed nahseb fuq bazi friendly milli ufficjali...ufficjalment ma kienx impjegat mall-kumpannija ma' Kratos, il-mara t'Angelo kienet impjegata mall-kumpannija imma sincerament izjed kien kuntratt ta' konvenjenza."*[66] Imbghad ta' sinifikanza kbira tenut kont tal-fatt li l-imputat li kien suppost jittutela l-interessi ta' Ursida, hi l-okkazzjoni meta jipprova jinduci lil Hector Spiteri jinganna u jiffroda lill-istess Ursida ***"Qalli ghalfejn ma tohrogx kont izjed gholi u naqsmu d-differenza bejnietna?*** *Jiena dak il-hin ghidtlu igbor il-karti jekk jogbok u itlaq l'barra mill-ufficcju tieghi*[67]*...Qalli ghalfejn ma tohrogx kont izjed gholi u naqsmu d-differenza bejnietna? Jiena dak il-hin ghidtlu igbor il-karti jekk jogbok u itlaq l'barra mill-ufficcju tieghi."*[68]

Illi l-Qorti tqis li x-xhieda tal-imputat, kuntrarjament ghal dik moghtija minn Ursida, li ssib korroborazzjoni minn diversi xhieda fosthom Spiteri, Micallef, Debattista u Scerri, hi wahda li la hi safe u wisq anqas satisfactory. L-imputat bl-ebda mod ma jikkonvinci lill-Qorti sal-grad tal-probabbilita` li meta ghamel il-*withdrawals* dawn saru ghal ragunijiet moghtija minnu bil-konsapevolezza ta' Ursida. Anzi il-provi jaghtu stampa kuntrarja. Wiehed kien jistenna li jekk kellu jiehu xi hlas mill-kumpanija u dan il-hlas ma wassalx, l-imputat kellu jinforma lil awdituri b'dan u jipprezenta evidenza ta' xogholu kif ukoll li jivventila l-lamentela tieghu ma Ursida bil-miktub billi jinfurmah b'dan formalment u jipprezenta invoices li jissostanzjaw il-pretensjonijiet tieghu; wara kollox intwera li hekk kien jaghmel qabel *"for that couple of years he did pay me the amount that I was invoicing him"*[69] (kopja esebita a

---

[64] Fol.226.
[65] Fol.41
[66] Fol.43
[67] Fol.51-52
[68] Fol.51-52
[69] Fol.256

fol.289). Il-verzjoni tal-imputat hi insensata u nieqsa minn kull ombra ta' kredibbilita`.

Illi dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) elenkat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti dan ir-reat:[70]

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[71]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji gie kunsidrat f'diversi sentenzi fosthom dik **il-Pulizija vs Charles Abela** fejn il-Qorti ghamet ezami *funditus* fuq ir-reat ta' frodi u dak tal-approprijazzjoni idebita:[72]

Fi kliem Antolisei[73]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*[74].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet.*[75]

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra:**[76]

---

[70] Deciza 15.12.2011 per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke
[71] **Pulizija vs Carmela German**; Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata
[72] Deciza 06.07.2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli
[73] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356
[74] Op cit pagna 357
[75] **Pulizija vs Emanuel Ellul;** Deciza 20.06.1997

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*
*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

---

[76] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza fit-2.03.2011

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "* ***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, <u>la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto</u>. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi***

***innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*** [emfazi tal-Qorti]

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** saret distinzjoni bejn ir-reat ta' serq, ta' frodi u dik tal-approprijazzjoni indebita, it-tielet imputazzjoni f'dan il-kaz:[77]

"Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent."

F'dik id-decizjoni l-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Issir riferenza ukoll ghad-decizoni **The Police vs Artur Arakelyan**[78]

Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:

"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[79]

The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence.

---

[77] Deciza 09.06.1998. Ara wkoll **il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013

[78] Deciza 17.07.2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[79] **Pulizija vs Francis Camilleri,** Deciza 25.06.2001 – Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)

Finally the *mens rea* or the intention of the agent must be proven beyond reasonable doubt – the intention to make a gain or profit from the misappropriation of the object entrusted to him. In another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction in the case The Police vs Dr. Seigfried Borg Cole (23 December 2003) the Court quoted the jurist Luigi Maino with regards to the intentional element necessary for the commission of this crime. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.

## Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** gie deciz:[80]

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

[80] Deciza 15.02.2007

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li jappropprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"

Ghalkemm f'dan il-kaz hu minnu li l-imputat uza l-gidba sabiex jigu rilaxxati flejjes mil-bank, madanakollu hu kien gja fdat fl-amministrazzjoni tal-istess kont mil-vittma. Kif kkonfermat Josephine Scerri *"ma kienx hemm ghalfejn* [l-awtorizzazzjoni ta' Ursida] *ghax Mr Angelo Giambra kien firmatarju wkoll fuq il-kont"*.[81] Ursida, il-vittma, kien gja telaq minn idejh il-kont u l-flejjes ta' go fih meta ghamel lil Giambra firmatarju fuq il-kont!

Ghalhekk il-fattispeci ta' dan il-kaz jinkwadraw perfettament fir-reat ta' approprijazzjoni indebita izda mhux dak ta' truffa jew frodi innominata. Ir-reat ravvizat bl-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li l-imputat ikun ipprofitta minn dak fdat lilu taht xi obbligu specifiku. *Ergo* sabiex l-imputat jinheles minn din l-imputazzjoni u juri li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jipprofitta mill-flejjes tal-kont ta' Kratos Ltd., izda biss jiehu dak dovut lilu, hu kien f'obbligu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi, u cioe` fuq bazi ta' probabilita`, li dawk il-*withdrawals* kienu ghal pagamenti lilu dovuti u cioe' li hu ma kienx dawwar **bi profit** ghalih jew ghaliehor dak li kien gie fdat lilu – il-flejjes fil-kont ta' Kratos Ltd! .

Issa ghalkemm gew esebiti diversi dokumenti ohra mghoddija lil Ispettur minn Angelo Giambra nnifsu[82] fejn jirrizulta li hu minnu li Giambra kien qed jaghmel xoghol ghal kumpanija ta' Ursida, mill-bosta *emails*/dokumentazzjoni hekk esebiti ma jirrizulta minn imkien li Giambra qatt baghat xi kont ghas-servizzji tieghu jew semma li kien dovut xi flejjes jew salarju! Kien jibghat biex isir hlas ghal terzi (MEPA/izda x'zammu milli jibghat dak li, skond hu, kien dovut lilu?

X'zammu, jekk verament kienu dovuti xi flejjes lilu, milli juri b'dan lil *Busutil and Micallef*? X'zammu milli jinforma l-bank li l-flejjes kienu ghal servizzji lill-kumpanija? Jirrizulta ukoll li Ursida qatt ma thallas mill-kumpanija kif jixhdu l-awdituri taghha Busuttil and Micallef; kienet martu biss li kienet impjegata ma Kratos Ltd. Hu hawn fejn jaghmel sens dak li jghid Ursida meta jinsisti li Giambra kellu x'jaqsam mieghu personalment u mhux ma Kratos Ltd.: *"<u>l'accordo era tra Domenico Ursida</u>*

---

[81] Fol.93

[82] Dok. AMX4. Vide xhieda a fol.31

*e Mr Giambra non tra Kratos e Mr Giambra. Un accordo non scritto ma un accordo tra persone."*[83]; li anke jikkonfermaha Renald Micallef *"kellhom rapport ta' qisu employer/employee imma izjed nahseb fuq bazi friendly milli ufficjali...ufficjalment ma kienx impjegat mall-kumpannija ma' Kratos".*[84]

Fid-dokument esebit minn Joanne Bartolo dwar il-firmatarji fuq il-kont in kwistjoni, tidher il-firma ta' Ursida u hemm indikat li Giambra jokkupa l-kariga ta' "Manager" fl-istess kumpanija![85] Madanakollu galadarba l-awdituri minn *Busuttil and Micallef* isostnu li hu ma kienx qed jircevi salarju mill-kumpanija, kif kien qed jithallas? Dan ukoll joffri korroborazzjoni ghal dak li jghid Ursida li hu kien ihallsu personalment u mhux mill-kumpanija. Possibli li kieku ma kienx hekk il-kaz li l-imputat kien ser jiehu ntrigu ta' amministrazzjoni ta' kumpanija b'sens ta' altruwizmu w ta' xejn aktar?

Fil-fatt f'*email* mibghuta lil legali tieghu l-imputat jammetti li qatt ma baghat invoice dwar l-ewwel pagament lil Ursida *"because Ursida refused this formula and said that next time he was in Malta we would devise a better way".*[86] **Pero mill-invoice li jidher li kien ipprepara Giambra stess jirrizulta li sa Novembru, 2011, meta kienu ngibdu b'kollox €20,000 hu kien dovut biss €3,512.18** - ammont milhuq fuq kalkolu li ghamlet il-Qorti ta' ammonti diversi hekk kif indikati minn Giambra ghas-sena 2011, meta ttiehdu b'kollox €20,000! [87]U jekk skond dokument datat 30.06.2011 – li minn imkien ma jirrizulta meta sar jew li ntbghat lil Ursida - €10,000 kienu dovuti ghal *"professional services rendered between January 2011 and June 2011 including reserach, feasibility study and travel in China"* kif saru dovuti €10,000 bejn Gunju, 2011 u it-2 ta' Novembru, 2011 (data ta' t-tieni withdrawal) u ghal liema servizzji gew hekk dovuti?

**Ir-rizultanzi proceswali juru li Giambra zgwida kemm lil bank u kemm lil Ursida dwar ir-raguni vera ghall-liema saru dawk il-*withdrawals*, u minflok ma wriehom li dawn kienu sabiex jissodisfaw**

[83] Fol.223
[84] Fol.43
[85] JB3 a fol.151 tergo
[86] Email 9.07.13
[87] Vide rendikont attached mal-FS3 ta' mart Giambra fid-dokumentazzjoni esebita Dok. AX4 a fol.101

**il-pretensjonijiet teighu, ikkonvincihom li kienu ntizi sabiex issir hlas lill-erarju Malti**.

Illi maghdud dan kollu u fuq l-insenjament enuncjat jirrizulta li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi t-tielet imputazzjoni, cioe` dik ta' approprijazzjoni ndebita.

Illi dwar il-piena ittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta ghajr ghal trasgressjonijiet ta' traffiku li jirrisalu ghall-1968. Il-Qorti qiset ukoll in-nuqqas ta' konvinzjoni taghha li Ursida qabad u ghadda €20,000 lil Giambra bhala att ta' benevolezza u genorizita`, biex jaghlaq l-istorja. Pjuttost fil-fehma tal-Qorti dawn il-flejjes inghataw lil Giambra in konsiderazzjoni ta xi servizz li jmur lil hinn mill-amministrazzjoni u persuna ta' kuntatt ghal Kratos Ltd. u/jew Ursida, kif wara kollox l-parte leza nnifisha eskludiet kategorikament kemm il-darba meta baqa jishaq li Giambra thallas *in toto* ghas-servizzji tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 293, 294 u 310(1)(a)[88] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u mit-tieni akkuzi, issibu hati fuq it-tielet akkuza, u tikkundannah ghal hmistax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**

[88] Fi zmien li sehh ir-reat il-piena taht l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali kienet dik ta' priguneria minn tlettax il-xahar sa sebgha snin